**18 ta' Novembru, 1958**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Giuseppina Ciancio pr. et ne.

*versus*

Michele Buontempo

**Kontijiet — Art. 394 tal-Proċedura Ċivili.**

*Skond il-liġi, meta min għandu jagħti kont ma jipprezentahx fiż-żmien stabbilit, il-Qorti tista' tippermetti lill-parti li tkun talbet il-kont li tispeċifika, mqar b'ġurament, is-somma li għandha tingħata.*

*Iżda dan il-poter konċess lill-awtorità ġudizzjarja, li tammetti lil min ikun talab il-kont li jiddetermina bil-ġurament is-somma dovuta, ma għandux jiġi eżerċitat jekk jirriżulta lill-Qorti li mhix imposibbli kull prova biex jiġi aħjar determinat l-ammont dovut minn għand min hu tenut li jirrendi l-kont; billi din id-dispożizzjoni tal-liġi għandha tkun armonizzata ma' dik rigwardanti l-ġurament estimatorju ("in litem") kontenuta fl-istess liġi, fis-sens illi meta l-parti li tkun ippruvat "in ġenere" t-talba tagħha, ma tkunx tista', bi ħtija jew minħabba l-qerq tal-parti l-oħra, tipprova l-ammont jew il-kwantità, f'kollox jew in parti, li jkollha tieħu, tista' jekk il-Qorti jidhrilha sewwa li tagħtiha, tkun ammessa għall-ġurament "in litem".*

*B'applikazzjoni tal-premess, fil-każ preżenti l-Qorti dehrilha illi l-ammont dovut seta' jiġi aħjar stabbilit billi jiġi nominat perit biex jagħmel ix-xogħol tal-likwidazzjoni tal-ammont dovut — provvediment, del resto, li kien anki mitlub alternattivament mill-parti attriċi; u għalhekk għamlet din in-nomina ta' perit; salv l-eżerċizzju tal-poter fuq riferit jekk, bl-istess provvediment, għal ħtija jew qerq ta' min kellu jirrendi l-kont, ma jkunx jista' jiġi raġġunt l-iskop tal-fissazzjoni tal-ammont dovut.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attriċi proprio et nomine, wara li ppremettiet illi b'sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-20 ta' Jannar 1956 fil-kawża "Giuseppina armla minn Giuseppe Ciancio proprio et nomine vs. Michele Buontempo", in konformità mas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fiż-17 ta Mejju 1955, il-konvenut ġie kundannat sabiex fi żmien xahar jirrendi kont eżatt tat-tmexxija u amministrazzjoni tan-negozju magħruf bħala "Ciancio Photo Studio" u "Oxford Studio" f'Raħal Ġdid; liema negozju kien jappartjeni kwantu għal nofs lill-imsemmi Giuseppe Ciancio, ir-raġel tal-attriċi u missier u awtur tal-fuq imsemmijin uliedu; u dan mid-data tal-mewt tal-istess Giuseppe Ciancio, li ġrat fit-28 ta' Mejju 1948; u li l-konvenut ippreżenta lill-attriċi proprio et nomine d-dokument markat dok. "B", li però bl-ebda mod ma jista' jitqies li jikkostitwixxi r-rendikont li ġie kundannat jagħti; u għalhekk għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi għandu jitqies illi l-istess konvenut naqas milli jippreżenta kont fiż-żmien lilu mpost fil-predetta sentenza, b'mod illi din il-Qorti tista' liberament tippermetti lill-attriċi proprio et nomine li tispeċifika, okkorrendo bil-ġurament tagħha, is-somma li għandha tieħu minn għandu; u illi, kif jirriżulta mill-provi rakkolti fil-kawża "Giuseppina Ciancio versus Giuseppe Ciancio", ċeduta fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Mejju 1948, dak il-ħanut kien jirrendi profitti netti ta' £2 kulljum, li minnhom £1 kulljum tispetta lill-attriċi proprio et nomine, b'mod li għall-perijodu li kellu jiġi kopert bil-kontijiet li kellu jippreżenta l-konvenut, u ċjoè mit-28 ta' Mejju 1948 sal-20 ta' Jannar 1956, data tal-predetta sentenza tal-Qorti tal-Appell, il-profitti dovuti lill-istess attriċi proprio et nomine jammontaw għal £2,760; talbet li (1) jiġi dikjarat u deċiż illi d-dokument "B" preżentat mill-

konvenut in segwitu għas-sentenza fuq imsemmija tal-20 ta' Jannar 1956, ma jikkostitwixxix ir-rendikont li ġie kundannat jagħtija b'dik is-sentenza, u li konsegwentement hu ma ppreżenta ebda rendikont fit-terminu lilu mpost ta' xahar; u (2) li din il-Qorti tammettiha li tiddetermina bil-ġurament tagħha l-ammont lilha proprio et nomine dovut mill-konvenut fis-somma ta' £2,760, jew, alternattivament, li dan l-ammont jiġi determinat minn din il-Qorti, okkorrendo per opera ta' periti nominandi, in bażi tar-riżultanzi proċesswali; u (3) l-istess konvenut jiġi kundannat iħallas lilha proprio et nomine l-ammont fuq imsemmi ta' £2,760, jew kwalunkwe ammont ieħor li jiġi fissat mill-Qorti għall-finijiet tad-domanda preċedenti. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, u salvi d-drittijiet tagħha proprio et nomine għar-rendikont ulterjuri għad-data tal-imsemmija sentenza, u dak mit-28 ta' Mejju 1948 l-hemm; u salv kull dritt ieħor fuq l-għoddod u strumenti fotografiċi u affarijiet oħra appartementi lill-imsemmi Giuseppe Ciancio;

*Omissis:*

Ikkunsidrat;

Illi mill-attijiet tal-kawża fuq riferita, u minn dawk tal-kawża fl-ismijiet "Ciancio vs. Buontempo" deċiża minn din il-Qorti b'sentenza tas-27 ta' Lulju 1950, konfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tal-20 ta' Novembru 1950, jirriżulta illi żewġ l-attriċi u l-konvenut kienu jeżerċixxu in soċjetà l-istudju fotografiku fuq imsemmi, u li bi skrittura in data 26 ta' Settembru 1946 itterminaw, b'effett minn dik id-data, l-imsemmija soċjetà, qasmu beiniethom il-profitti, u ddikjaraw li ma kellhomx aktar l-ebda pretensjoni oħra kontra xulxin in rigward ta' dik is-soċjetà, u li kull ma kien jeżisti fl-istess studju fotografiku kellu jappartjeni, mingħajr ebda eċċezzjoni, lil Buontempo (il-konvenut f'din il-kawża), u r-raġel tal-attriċi stqarr illi ma kellux iżjed interess fl-istess studju, li kellu jibda jitqies ta' proprjetà esklużiva tal-imsemmi Buontempo; liema skrittura ġiet dikjarata nulla, għaliex magħmula in frode tad-drittijiet tal-attriċi, bis-sentenza fuq riferita ta' din il-Qorti tas-27 ta' Lulju 1950, konfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tal-20 ta' Novembru tal-istess sena. Jir-

riżulta wkoll illi, in segwitu għad-dikjarazzjoni tan-nullità tal-imsemmija skrittura, il-konvenut Buontempo ġie, fuq talba tal-attriċi, kundannat jirrendi lilha kont eżatt tat-tmexxija u amministrazzjoni minnu ġestita tan-negozju fuq imsemmi mid-data tal-mewt ta' Giuseppe Ciancio, żewġ l-attriċi, li ġrat fit-22 ta' Mejju 1948, l-hawn; liema sentenza ġiet konfermata mill-Qorti tal-Appell bis-sentenza fuq riferita tal-20 ta' Jannar 1956; u ż-żmien li fih il-konvenut kellu jirrendi l-kont ġie stabbilit f'xahar żmien dekorribbli mill-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Appell;

Illi l-konvenut ma uniformax ruħu għall-kundanna li ssubixxa bl-imsemmija sentenza, għaliex dak id-dokument li hu ppreżenta lill-attriċi, u li hu semma "Rendikont approssimattiv tal-istudju fotografiku in kwistjoni sal-mewt ta' Giuseppe Ciancio", u li qiegħed fil-fol. 5 tal-proċess (dokument "B" prodott mal-att taċ-ċitazzjoni), mhux ir-rendikont li ġie kundannat jagħti; u għalhekk l-ewwel talba tal-attriċi hija għal kollox ġustifikata;

Illi, riferibbilment għat-tieni u t-tielet talba, skond il-liġi "meta min għandu jagħti l-kont ma jippreżentahx fiż-żmien stabbilit, il-Qorti tista' tippermetti lill-parti li tkun talbet il-kont li tispeċifika, mqar b'ġurament, is-somma li għandha tingħata" (art. 394 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

Illi ġie ritenut mill-Qrati Tagħna illi l-imsemmi poter konċess lill-awtorità ġudizzjarja, li tammetti lil min ikun talab il-kont li jiddetermina bil-ġurament is-somma dovuta, ma għandux jiġi eżerċitat jekk jirriżulta lill-Qorti li mhix impossibbli kull prova oħra biex jiġi aħjar determinat l-ammont dovut minn għand min hu tenut li jirrendi l-kont, billi ċ-ċitata dispożizzjoni tal-liġi għandha tiġi armonizzata ma' dik rigwardanti l-ġurament estimatorju ("in litem") kontenuta fl-istess Kodiċi, fis-sens illi "meta l-parti li tkun ippruvat 'in genere' t-talba kif proposta, ma tkunx tista', bi ħtija jew minħabba l-qerq tal-parti l-oħra, tipprova l-ammont jew il-kwantità, f'kollox jew in parti, li jkollha tiegħu, tista', jekk il-Qorti jidhrilha sewwa li tagħtiha, tkun ammessa għall-ġurament 'in litem' " — art. 723(1);

Illi fil-każ preżenti l-Qorti jidhrilha illi l-ammont dovut mill-konvenut jista' jiġi aħjar stabbilit per mezz tal-provvediment infraskritt, mitlub ukoll alternattivament mill-attriċi, salv l-eżerċizzju tal-poter fuq riferit, fil-każ illi l-Qorti jkun jidhrilha sewwa li teżerċitah, jekk bl-istess provvediment, għal ħtja jew qerq tal-konvenut, ma jkunx jista' jiġi raġġunt l-iskop;

Għaldaqstant tiddeċidi;

Adeżivament għall-ewwel talba, bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Tinnomina, riferibbilment għat-tieni talba, lil Arthur Craig bħala perit, sabiex jagħmel il-kont li l-konvenut kellu jagħti lill-attriċi in forza tas-sentenza fuq riferita ta' din il-Qorti taż-17 ta' Mejju 1955, konfermata bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-20 ta' Jannar 1956, u jistabbilixxi, jekk ikun il-każ, skond l-istess sentenza, is-somma dovuta lill-attriċi;

Tirriżerva li tiddeċidi aktar il-quddiem it-tielet talba, wara li tkun ġiet deċiża t-tieni;

Il-konvenut għandu jiddepożita għand ir-Reġistratur, fi tmien tijiem mil-lum, is-somma ta' £18 biex tagħmel fronti għall-ispejjeż u għad-drittijiet tal-perit;

L-ispejjeż relattivi għall-perizja jitħallsu provviżorjament mill-konvenut.